**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 15 ta' April 2016**

**Rikors Numru: 28/2016 CSH**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru. 101/2016 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Boris Cezek**
**Claudia Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Boris Cezek fit-12 ta' Frar 2016 fejn espona s-segwenti:

*"Illi l-esponenti jichad li huwa debitur tal-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' tmien mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€838.56) rapprezentanti bilanc ta' kera dovuta lill-Kummissarju tal-Artijiet fuq tenement numru 078360 bl-indirizz Flat 8, Entratura B, Blokk B, Triq Salvu Mallia, Siggiewi, ghall-perjodu sal-31 ta' Dicembru 2015, stante illi l-pagament huwa mhallas fl-intier tieghu u dan kif jirrizulta mir-ricevuta mahruga mid-dipartiment proprjeta' tal-Gvern hawn annessa u mmarkata Dok. BC1;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

i. *Tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet, kif dedotta fl-ittra ufficjali de quo, hija wahda infondata ai termini tal-Artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Konsegwentement tehles lill-esponenti minn kwalunkwe responsabilita' ta' hlas ta' tmien mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€838.56) kif mitlub mill-istess Kummissarju, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra tieghu."*

Rat illi l-intimat Kummissarju tal- Artijiet debitament notifikat nhar it-3 ta' Marzu 2016 kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Gaetano Spiteri (a fol 5 tergo) tal-process ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' April 2016 la deher l-intimat u lanqas rapprezentant tieghu.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' April 2016 ir-rikorrent ipprezenta kapitolu fil-konfront ta' l-intimat ghas-subizzjoni tieghu.

Illi fis-seduta tat-13 ta' April 2016 xehed ir-rikorrent Boris Cezek bil-lingwa Ingliza li ikkonferma bil-gurament tieghu li huwa mhux debitur tal-intimat u li m'ghandu jaghti xejn lill-Kummissarju tal-Artijiet sakemm jaf hu.

Rat illi fis-seduta tat-15 ta' April 2016 l-intimat ma deherx ghal darb'ohra.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni u prova kuntrarja, tilqa' it-talba rikorrenti kif kontenuta fir-rikors promotur b'dan illi qed tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet, kif dedotta fl-ittra ufficjali numru 101/2016, hija wahda infondata ai termini tal-Artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u konsegwentement tehles lir-rikorrent Boris Cezek minn kwalunkwe responsabbilta' ta' hlas ta' tmien mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€838.56) kif mitlub mill-istess Kummissarju.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**